PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8895 — 3i/FSI/Hermes/Scandlines)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 155/08)

1. Fil-25 ta' April 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— 3i Group plc ("3i", ir-Renju Unit),

— First State Investments International Limited ("FSI", l-Awstralja),

— Hermes GPE LLP, li tappartjeni għall-Hermes Investment Management Group ("Hermes", ir-Renju Unit),

— Scandlines Holding ApS ("Scandlines", id-Danimarka).

3I, FSI u Hermes jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Scandlines.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— 3i: investitur internazzjonali u negozju għall-ġestjoni tal-investiment iffokat fuq ekwità privata ta' impriża midmarket, investimenti fl-infrastruttura;

— FSI: diviżjoni tal-ġestjoni tal-assi tal-Commonwealth Bank tal-Awstralja;

— Hermes: maniġer ta' investiment fir-Renju Unit li tispeċjalizza fl-iżvilupp ta' ekwità privata personalizzata u diversifikata u portafolli tal-infrastruttura f'isem il-klijenti tagħha;

— Scandlines: il-provvista ta' servizzi bil-laneċ għall-passiġġieri u l-merkanzija fuq żewġ rotot qosra bejn il-Ġermanja u d-Danimarka.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8895 — 3i/FSI/Hermes/Scandlines

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË